# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# SEDE KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLEF**

**ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.**

## Illum it-Tnejn, 11 ta' Lulju 2022

**Numru** : 4

Referenza Kostituzzjonali
Numru **31/2021 ISB**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**VS**

**Sebastian Dalli**

Il-Qorti:

Rat id-Digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tal-21 ta' Jannar 2021 fil-kaz quddiemha numru 82/2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Johann J. Fenech) vs Sebastian Dalli** u li permezz tieghu, il-Qorti msemmija, ai termini tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, irreferiet quddiem din il-Qorti talba maghmula mill-hemmek imputat peress illi huwa lmenta li l-proceduri kriminali odjerni kontra l-imputat mhumiex qed jinzammu fi zmien ragjonevoli minhabba r-ragunijiet msemmija fir-rikors tal-imputat tal-11 ta' Dicembru 2020, bi ksur tal-

artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Kif jirrizulta mir-rikors ta' Sebastian Dalli tal-11 ta' Dicembru 2020 (fol 1908 tal-process kriminali) u liema talba giet riprodotta fid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, din il-Qorti qed tigi mitlub "*taqta' u tiddeciedi jekk <u>l-agir tal-prosekuzzjoni</u> humiex leziv tad-drittijiet fondamentali tieghu ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem*".

Qabel ma' l-Qorti tidhol fil-mertu u taghmel kwalsiasi konsiderazzjoni ohra, hija sejra telenka u tiddikjara dak li fuq kollox huwa ben assodat permezz ta' diversi decizjonijiet taghha stess u tal-Qorti Kostituzzjonali, cioe`, il-parametri li fihom qed tinghata din id-decizjoni minn din il-Qorti f'dawn l-odjerni proceduri kif definiti b'mod car ghal kulhadd u kif mislufa mis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza Referenza Kostituzzjonali Nru: 115/2022CFS fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Oriana Spiteri) vs Miloud Elforjan** moghtija fis-16 ta' Mejju 2022.

> *Mill-banda l-oħra, l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4(3) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta jgħidu li jekk tqum kwistjoni dwar wieħed mill-jeddijiet fuq imsemmija quddiem qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil ta' dik il-kwistjoni ma tkunx waħda sempliċement frivola jew vessatorja. Bil-kelma 'frivola' wieħed jifhem li t-talba għar-referenza kostituzzjonali tkun żejda, bla ħtieġa, fiergħa jew vojta; filwaqt li bil-kelma 'vessatorja' wieħed jifhem li t-talba għar-referenza kostituzzjonali tkun saret biex iddejjaq jew tinki lil dak li jkun;*
>
> *Minn kliem il-liġi hija qorti biss li tista' tibgħat kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Din għalhekk teskludi bordijiet bħall-Bord ta' Arbitraġġ Dwar Artijiet (ara Kummissarju tal-Artijiet v. Ignatius Licari nomine deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Ġunju, 2004), kif ukoll tribunali bħat-Tribunal Għal Talbiet Żgħar (ara Anthony Grech v. Claire Calleja et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Frar, 2008);*
>
> *Issa kif ingħad fis-sentenza Il-Pulizija v. Lawrence Attard deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar l-1 ta' Lulju, 2004, hemm differenza mhux traskurabbli bejn is-setgħat ta' din il-qorti meta tkun imsejħa tiddeċiedi kwistjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali direttament fuq talba ta' parti u meta, bħal f'dan il-każ, tkun saritilha referenza minn qorti oħra dwar kwistjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali li tkun tqanqlet quddiemha. Huwa meqjus li ż-żewġ għamliet ta' proċeduri huma paralleli għal xulxin (ara Anthony Coreschi v. Kummissarju tal-Pulizija et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta' Lulju, 1989) u għalhekk dan ifisser li dawn*

*m'humiex l-istess għaliex dak li huwa parallel għal xi ħaġa ma jsir qatt biċċa minnha;*

*Illi l-akbar differenza hija fil-fatt li l-proċedura mibdija b'kawża ad hoc hija dritt u għażla tal-persuna li tkun qiegħda tilmenta minn ksur ta' xi dritt fondamentali tagħha; filwaqt li r-referenza mhijiex tal-partijiet li qed jissieltu fil-kawża iżda tal-qorti riferenti biss (ara inter alia Glenn Bedingfield v. Kummissarju tal-Pulizija et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Lulju 2000 u Nazzareno Galea et v. Giuseppe Briffa et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Novembru, 2001). Kemm hu hekk, intqal li l-proċedura marbuta mal-ordni ta' referenza hija waħda ta' ordni pubbliku, b'dana li qorti għandha tiddeċiedi hi mill-ewwel jekk il-kwistjoni mqanqla quddiemha tixraqx li tiġi mibgħuta lill-Prim'Awla talQorti Ċivili u mhux toqgħod tistenna li xi parti tiftaħ kawża kostituzzjonali għal rasha dwar dik il-kwistjoni (ara Avukat Dr. Lawrence Pullicino v. Kap Kmandant tal-Forzi Armati et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' April, 1989);*

*Naturalment dan ma jfissirx li kull meta tinqala' kwistjoni li tista' tmiss ma' jedd fondamentali, il-qorti għandha tagħlaq għajnejha u taqbad u tibgħat kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bl-addoċċ jew kif ġieb u laħaq. Jekk il-kwistjoni tkun dwar xi ħaġa li taqa' fl-obbligi ta' dik il-qorti, ir-referenza m'għandhiex issir. Hekk pereżempju Qorti tal-Maġistrati m'għandhiex tibgħat referenza kostituzzjonali jekk f'talba dwar ħelsien mill-arrest titqajjem mill-akkużat kwistjoni dwar il-jedd tiegħu mill-ħarsien ta' arrest arbitrarju - dan għaliex huwa xogħol il-Qorti tal-Maġistrati li tiddeċiedi kwistjonijiet bħal dawn fid-dawl mhux biss tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali iżda anke fid-dawl tal-jeddijiet li jinsabu fil-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Wara kollox il-Qorti tal-Maġistrati mhijiex marbuta li timxi biss mal-liġijiet kriminali iżda hija marbuta li timxi mal-liġijiet kollha ta' Malta, magħdud magħhom għalhekk il-liġijiet li joħorġu mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Eżempju ieħor huwa li l-Qorti tal-Appell m'għandhiex għalfejn tibgħat referenza kostituzzjonali jekk ikollha aggravju quddiemha dwar it-tħassir tas-sentenza appellata minħabba li din tkun ingħatat mingħajr ma semgħet x'kellha xi tgħid waħda mill-partijiet - dan għaliex huwa xogħol il-Qorti tal-Appell li tiddeċiedi kwistjonijiet dwar jekk is-sentenza appellata ngħatatx b'ħarsien tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali. Hekk ukoll, il-Qorti tal-Maġistrati li tkun qed tisma' proċeduri ċivili ta' libell m'għandhiex għalfejn tagħmel referenza kostituzzjonali jekk il-konvenut iġib bħala difiża f'dik il-kawża l-fatt li huwa kien qiegħed jesprimi l-opinjoni ħielsa tiegħu - dan għaliex huwa mistenni li f'kawżi ta' libell ilQorti tal-Maġistrati twieżen bejn il-jedd ta' reputazzjoni tal-parti li tkun qiegħda tallega li kienet vittma ta' libell u l-jedd tal-parti l-oħra li tiddefendi ruħha billi tgħid li hija kienet qiegħda tesprimi l-ħsibijiet u l-fehmiet tagħha fil-pubbliku;*

*Bl-istess mod, qorti għandha toqgħod kemm jista' jkun lura milli tagħmel referenza kostituzzjonali jekk quddiemha titqajjem kwistjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali li bħalha tkun tqajmet qabel, u fejn dik il-kwistjoni tkun diġà tqieset millogħla qorti kompetenti u tat il-provvedimenti tagħha dwarha (ara J.G. Systems Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2010 u Il-Pulizija v. Jean Piere Borġ deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fil-25 ta' Ottubru, 2016). Tassew ma jidhirx li jkun hemm għalfejn li qorti oħra għandha tirreferi l-każ mill-ġdid lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kull darba li tqum quddiemha kwistjoni bħal dik, sakemm il-kwistjoni ma tkunx tqanqal xi punt ġdid. Ikun xieraq li l-qorti li quddiemha titqanqal il-kwistjoni tieħu qies tad-direzzjoni murija mill-qorti ta' kompetenza kostituzzjonali dwar kwistjoni bħal dik u timxi ma' dik id-direzzjoni indikata fil-każ li jkollha quddiemha. B'daqshekk, ma jfissirx li dik il-qorti tkun qiegħda żżomm għaliha kompetenza li mhijiex tagħha, iżda biss li tkun qiegħda tapplika u tħaddem il-liġi fl-għarfien ta' punti li jkunu ġew stabbiliti mill-qorti kompetenti (ara Il-Pulizija v. Pawlu Grech deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fit-3 ta' Novembru, 2011);*

*Sfiq ma' dan, huwa importanti li tinġibed l-attenzjoni wkoll li referenzi kostituzzjonali mhumiex maħsuba biex isiru għall-għanijiet akkademiċi iżda <u>biex jiġu solvuti intoppi li jinqalgħu f'kawżi ordinarji</u>. Wieħed ma jridx jinsa hawnhekk li jekk issir ir-referenza, il-proċeduri quddiem il-qorti riferenti għandhom jieqfu skont l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta sakemm ikun hemm tweġiba finali għal dik ir-referenza mill-qorti (ara inter alia, Onorevoli Imħallef Dottor Anton Depasquale v. Avukat Ġenerali deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Ġunju, 2001 u Avukat Ġenerali et v. Nicolai (Nicolai Christian) Magrin et deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Novembru, 2017);*

*Minħabba f'hekk, il-qorti riferenti għandha tkun għaqlija u prudenti biżżejjed meta tiġi biex tiddeċiedi jekk għandhiex tibgħat kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew le. Il-qorti riferenti trid tkun ċerta li dik ir-referenza hija tabilħaqq meħtieġa sabiex hija tkun tista' tkompli twettaq ħidmietha. Referenza kostituzzjonali/konvenzjonali li ma tkunx ħa tħalli l-frott fl-eżitu tal-proċeduri quddiem il-qorti riferenti m'għandhiex issir mill-ewwel (ara Director of Public Registry v. Ahmad Aziz deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2022);*

*Biex wieħed forsi jagħti eżempju, mhuwiex indikattiv li ssir referenza kostituzzjonali biex il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili twieġeb biss jekk fil-proċeduri quddiem il-qorti riferenti qiegħedx ikun hemm dewmien irraġonevoli jew le. Referenza bħal din mhijiex utli għall-proċeduri quddiem il-qorti riferenti, anzi l-qorti riferenti tkun qiegħda ttawwal iżjed dawk il-proċeduri għalxejn b'xejn jekk tagħmel referenza bħal dik. Wara kollox, il-qorti riferenti m'għandhiex*

*bżonn il-gwida tal-qrati kostituzzjonali biex tkun taf jekk hemmx dewmien bla bżonn fil-proċeduri; dan tista' tarah waħidha billi tqalleb il-karti tal-atti;*

*Dan l-eżerċizzju ta' rilevanza u ta' ħtieġa huwa importanti li jsir mill-qorti riferenti għaliex jekk il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali jsibu li dik ir-referenza kienet irrilevanti għall-għanijiet tal-kawża li tkun qiegħda tinstema' mill-qorti riferenti, l-ordni ta' referenza tista' tintbagħat lura mingħajr tweġiba (ara inter alia Karkanja Limited v. Carmel Galea et deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-30 ta' Mejju, 2019);*

*Illi kif tajjeb ġie mpoġġi mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza Edgar Blundell et v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali deċiża fl-20 ta' Marzu, 2000, qorti b'setgħat kostituzzjonali hija, «prekluża milli tikkonsidra l-kwistjoni dwar ksur ta' xi waħda minn dawk id-disposizzjonijiet lilha riferita, jekk din ma tkunx rilevanti u tkun għal kollox estraneja għall-mertu tal-proċeduri li fihom il-kwistjoni tkun ġiet imqanqla, u li allura deċiżjoni dwarha ma tkunx tenħtieġ biex il-qorti li tkun għamlet ir-referenza tkun tista' tiddisponi mill-mertu»;*

*Dan iġibna għall-punt ieħor dwar kemm huwa importanti l-mod ta' kif għandha ssir l-ordni ta' referenza, jekk kemm-il darba il-qorti riferenti tagħżel li tagħmilha. Ma ninsewx li billi l-kwistjoni tkun inqalgħet quddiem qorti li mhix il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, u billi l-proċediment ma jkunx tressaq quddiem din il-qorti direttament minn min jallega l-ksur tal-jedd fondamentali partikolari, <u>din il-qorti trid tqis fedelment il-kwistjoni fil-mod u t-termini mgħoddijin lilha mill-qorti li tkun għamlet ir-referenza</u>. Jekk il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tonqos li tagħmel dan jew titbiegħed milli tqis dak lilha riferut, hija tkun qiegħda tiddeċiedi extra petita (ara Il-Pulizija v. John Aquilina et maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-23 ta' Lulju, 2008 u The Police v. Nelson Arias deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Settembru, 2012);*

*Xogħol il-qorti li tirċievi r-referenza huwa illi twieġeb għall-mistoqsijiet magħmula lilha mill-qorti riferenti. Tassew mhuwiex mogħti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew lill-Qorti Kostituzzjonali l-jedd li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kawża li minnha tnisslet ir-referenza 10 kostituzzjonali jew li toqgħod tagħti xi rimedju fl-eventwalità li ssib xi vjolazzjonijiet tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem (ara Il-Pulizija v. Vincent Etienne Vella deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Ottubru, 2020 u The Police v. Austine Eze et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru, 2013). Għalkemm irid jingħad ukoll li l-aħħar ġurisprudenza tgħid ukoll li ma hemm xejn xi jżomm lill-qorti b'setgħat kostituzzjonali li tagħmel kull osservazzjoni oħra li jidhrilha rilevanti għal risposta sħiħa għad-domanda magħmula anke billi tqajjem hi kwistjonijiet ex officio (ara Il-Pulizija (Spettur Kevin Pulis) v. Robert Agius deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Marzu, 2019 u The Police (Inspector Keith Arnaud) v. Kristjan Zekic also kwown as Adhamjon Niyazov deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju, 2019);*

Huwa ghalhekk car mill-insenjament hawnekk maghmul, illi din il-Qorti ghandha tillimita l-ezercizzju taghha skond u fit-termini kif mitlub u riferut lilha, ossia b'referenza ghall-agir tal-prosekuzzjoni u jekk dan huwiex leziv tad-drittijiet fondamentali ta' Sebastian Dalli. Din il-Qorti mhix ser tissindika l-organu gudizzjajru izda qed tirrizerva illi taghmel kwalsiasi osservazzjoni li jidhrilha xierqa u opportuni fil-kuntest ta' dak hawnekk deciz.

Il-Prosekuzzjoni fi proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Struttorja

Minn qari akkurat tal-Kodici Kriminali ghandu jkun pacifiku jinghad illi t-terminu "Prosekuzzjoni" fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Struttorja jirreferi kemm ghal Pulizija Ezekuttiva (li hi parti intrinsika fil-proceduri kif anke jixhed l-okkju tal-proceduri) u kif ukoll l-Avukat Generali illi ghandu rwol importanti fil-procedura. Fil-fatt, l-Artikolu 390(1) tal-KAP 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid espressament illi l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Struttorja jinbdew billi l-Qorti tisma' l-akkuzi moqrija mill-Avukat Generali jew mill-ufficjal tal-Pulizija Ezekuttiva. L-Artikolu 405 tal-istess KAP 9 mbaghad jirreferi ghall-parti tal-process fejn wara li l-Qorti tkun baghtet l-atti biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza u qabel ma jigi pprezentat l-att ta' akkuza, l-Avukat Generali jista' jaghmel talba bil-miktub sabiex jinstemghu xhiedha ohra jew isiru domandi ulterjuri lil xhieda li gja jkunu ddeponew.
L-involviment, kemm tal-Pulzija Ezekuttiva u kemm tal-Avukat Generali, mhaddem fil-prattika *qua* prosekuzzjoni fil-kaz in dizamina, jirrizulta car mill-atti processwali tal-kaz Pulizija vs Sebastian Dalli.

Dan maghmul car, il-Qorti sejra issa tikkonsidra il-fatti illi jirrizultawlha u li jiccirkondaw ir-referenza kostituzzjonali maghmula u hawn trattata, u dan wara illi qieset:

a) Illi fil-proceduri 82/2009 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Sebastian Dalli, pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, l-istess Qorti tat id-digriet taghha hawn fuq msemmi fil-21 ta' Jannar 2021 ghar-rikors tal-hemmek imputat datat 11 ta' Dicembru 2020 u b'hekk saret din ir-referenza.

b) Illi din il-Qorti diversament preseduta appuntat din ir-referenza ghas-27 ta' Jannar 2021.
c) Illi fis-27 ta' Jannar 2021 id-difiza talbet ir-rikuza tal-Imhallef sedenti peress illi kienet, qabel ma giet elevata ghall-kariga ta' Imhallef, Magistrat u ppresediet fuq il-Qorti li minnha saret referenza u fil-kawza de quo.
d) Illi fit-12 ta' Mejju 2021, il-Qorti kif preseduta laqghet it-talba ghar-rikuza u l-atti ntbghatu ghand ir-Registratur biex ir-referenza tigi ri-assenjata.
e) Illi fil-frattempt, u cioe` fid-9 ta' Marzu 2021, l-Avukat tal-Istat intavola r-risposta tieghu (fol 14).
f) Illi assenjata quddiem Imhallef iehor li jippresjedi din il-Qorti, ir-referenza regghet giet appuntata ghat-22 ta' Gunju 202.
g) Illi f'dik l-udjenza, u precizament ghall-istess raguni tal-ewwel rikuza, il-gudikant kellu jilqa' t-talba ghar-rikuza u ghal darb'ohra l-atti ntbghatu ghand ir-Registratur sabiex ir-referenza terga' tigi ri-assenjata.
h) Illi b'digriet tal-24 ta' Gunju 2021, ir-referenza giet appuntata quddiem din il-Qorti kif issa preseduta ghas-seduta tal-14 ta' Lulju 2021.
i) Illi xehed is-Supretendent Johann Fenech fl-udjenza tat-3 ta' Novembru 2021 u rat illi f'dik l-istess seduta, id-difensur ta' Sebastian Dalli iddikjara illi l-patrocinat tieghu ma kellux aktar provi x'jipproduci.
j) Illi mill-verbal tal-udjenza tas-26 ta' Jannar 2022 jirrizulta illi l-Avukat tal-Istat iddikjara illi ma kellux provi x'jipproduci.
k) Illi l-atti tal-kawza 82/2009 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Johann J. Fenech) vs Sebastian Dalli pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja kienu ghad-dispozizzjoni ta' din il-Qorti.
l) Illi l-partijiet ressqu n-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi.
m) Ili fl-udjenza tal-11 ta' April 2022, id-difensuri tal-partijiet qabblu illi l-Qorti tista' tghaddi ghas-sentenza u r-referenza thalliet ghall-llum ghad-decizjoni.

**<u>Succint tal-fatti</u>**

**Jirrizulta illi:**

Sebastian Dalli tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fit-3 ta' Frar 2009, akkuzat b'reati ta' assocjazzjoni fi traffikar ta' droga f'Malta a tenur tal-KAP 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jirrizulta ukoll illi sakem saret din ir-referenza, allura kwazi tnax il-sena wara, il-process quddiem dik il-Qorti msemmija kien ghadu pendenti, imma aktar minn hekk, ghadu fi stadju ta' provi tal-prosekuzzjoni.

Jirrizulta mix-xhieda moghtija mis-Supretendent Johann Fenech, li huwa l-ufficjal prosekutur fil-kaz de quo, illi fit-30 ta' Ottubru 2018 huwa kien iddikjara illi l-Prosekuzzjoni ma kelliex aktar provi xi tressaq. Jispejga illi huwa jkun ghamel din id-dilkjarazzjoni b'responsabbilita` u wara illi jkun studja il-kaz u jassikura ruhu illi ressaq ix-xhieda kollha ammissibbli illi seta' jressaq.

Irid jinghad illi minkejja dak li xehed s-Supretendent Fenech quddiem din il-Qorti, jirrizulta mill-verbal tas-seduta tas-<u>7 ta' Awissu 2014</u> (fol 1650) illi l-*Prosekuzzjoni kienet qed taghlaq il-provi taghha*.

Huwa jispjega illi minn dak in-nhar (30 ta' Ottubru 2018) sa' Marzu 2020, allura ghal madwar 18 il-xahar, baqghu jigu rinviji sabiex il-prosekuzzjoni tiddikjara xi provi fadlilha – dikjarazzjoni illi gja kienet saret qabel u li allura baqghet issir l-istess dikjarazzjoni illi l-prosekuzzjoni ma kelliex aktar provi xi tressaq tul dawn l-imsemmija 18 il-xahar.

Jirrizulta illi fl-10 ta' Marzu 2020, sar rinviju differenti u issa intalbu xhiedha addizzjonali u mbaghad minnhabba l-Covid, kien hemm waqfien tal-proceduri.

Ix-xhud ighid illi l-prosekuzzjoni damet 10 snin biex iddikjarat illi ghalqet il-provi taghha, peress illi l-kaz huwa kumpless u kien hemm xi *intercepts* twal u voleminuzi illi kellhom jigu esebiti, kien hemm oggezzjoni ghalihom, kellhom isiru traduzzjonijiet taghhom u kienu soggetti ghal skrutinju ta' esperti mqabbda *ad hoc*. Jispejga illi dawn gew esebiti mid-Direttur tas-Servizzi Sigrieti u wasslu anke biex il-process ikun wiehed voleminuz. Jghid illi l-kaz huwa partikolari peress illi l-allegata droga li l-Pulizija hassbet illi sabet ma kinitx droga imma kienet xi haga ohra.

Jirrizulta ukoll illi konessi mal-kaz odjern, kienu tressqu erba' persuni ohra, li mitluba jixdhu f'dawn il-proceduri, huma irrifjutaw peress illi ezercitaw id-dritt taghhom li jaghmlu dan una volta l-proceduri taghhom kienu u ghadhom ukoll pendenti. Jghid s-Supretendent Johann Fenech illi huwa ukoll l-ufficjal prosekutur fil-kaz tal-erba' persuni l-ohra msemmija u l-kawza taghhom tinsab ghaddejja mill-istess esperjenza tal-kawza ta' Sebastian Dalli. Fil-fatt jidher illi l-Avukat Generali qed jitlob illi Sebastian Dalli jixhed fil-kaz tal-erba' l-ohra, izda Dalli qed jezercita

d-dritt tieghu ghas-silenzju. Jispjega illi b'hekk iz-zewg kawzi huma prattikament mwaqqfin.

Jirrizulta ukoll illi l-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja esperjenzat il-bidla ta' zewg Magistrati peress illi gew elevati ghal Mhallfin u llum qed tinstema' mit-tielet Magistrat, izda jispejga illi l-Magistrati li kienu qed jippresjedu bdew jaghmlu verbal wara iehor jissollecitaw lill-Avukat Generali sabiex jara x'ser jaghmel.



Jirrizulta mix-xhiedha tal-istess ufficjal prosekutur illi huwa kien qed jirriskontra certu diffikulta' ta' komunikazzjoni mal-Ufficcju tal-Avukat Generali ukoll peress illi l-Avukati assenjati fuq dan il-kaz bdew jinbiddlu ta' spiss, ghal raguni jew ohra, bhal Avukati li jigu elevati ghal gudikatura u Avukati illi jkunu irrezenjaw mill-ufficcju tal-Avukat Generali. Jghid illi partikolarment minkejja l-fatt illi l-kaz huwa kumplikat u kumpless, kien jinhtieg u jimmerita illi r-rapport bejn il-prosekuzzjoni u l-ufficcju tal-Avukat Generali tkun tajba, b'dana kollu din kienet monka u l-komunikazzjoni bejniethom waqqfet mis-sena 2018 lil hawn.

**Jirrizulta Ulterjorment:**

Illi fil-perjodu tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja mit-3 ta' Frar 2009, (id-data meta Sebastian Dalli tressaq quddiem il-Qorti), sat-30 ta' Ottubru 2018 (id-data meta l-ufficjal prosekutur iddikjara illi l-prosekuzzjoni ma kelliex aktar provi xi tressaq) – li l-Qorti qed tqis bhala l-ewwel fazi jew parti tal-process kriminali illi ghaddej minnhu Sebastian Dalli, kien hemm numru kbir ta' seduti mohlija ghal raguni jew ohra, fosthom:

- Ghaliex l-Magistrat sedenti kien indispost jew maqbud fuq xoghol iehor aktar urgenti,
- Ghaliex xhieda debitament mharrka ma ressqux quddiem il-Qorti,
- Ghaliex ufficjali tal-pulizija li kellhom jiddeponu ma ressqux u f'certi kazi lanqas ma kien hemm riferti taghom,
- Ghaliex l-ufficjal prosekutur ma deherx,
- Ghaliex l-esperti nominati mill-Qorti ma dehrux jew ma lestewx l-inkarigu lilhom fdat;

- Ghaliex kien hemm okkazjonijiet meta l-inkarigu moghtija lill-esperti kellhom jigu revokati u jkunu nominati esperti ohra peress illi ta' l-ewwel ma jkunux qdew l-inkarigu taghhom;
- Ghaliex sempliciment ma sar xejn;
- Ghaliex l-Avukat Generali kien mitlub jippreciza x'ried mir-rinviju tieghu,
- Ghaliex l-prosekuzzjoni kienet sprovvista mir-riferti tax-xhiedha suppost mharrka;
- Ghaliex l-espert nominat mill-Qorti jkun maqbud fuq xoghol iehor urgenti;
- Ghaliex addirittura ma jkunx hemm raguni ghad-differiment,

U numru ta' ragunijiet ohra illi wasslu u kkontribwew sabiex dan il-process itul bil-mod kif twal.

Dejjem fir-rigward ta' din l-hekk msejjha l-ewwel parti/fazi tal-process kriminali li ghaddej minnu Sebastian Dalli, ossia mit-3 ta' Frar 2009, (id-data meta Sebastian Dalli tressaq quddiem il-Qorti), sat-30 ta' Ottubru 2018 (id-data meta l-ufficjal prosekutur iddikjara illi l-prosekuzzjoni ma kelliex aktar provi xi tressaq) traspass ta' kwazi ghaxar snin, il-Qorti, wara illi fliet sewwa il-process relattiv, thoss illi ghandha tirrimarka:

a) Illi in kwantu l-esperti nominati mill-Qorti, jidher car illi dawn hadu hafna hin sabiex jespletaw l-inkarigu lilhom moghti, anke jekk irid ikun koncess illi l-inkarigi kienu kultant kumplikati u jirrizulta ukoll illi kien hemm mumenti meta espert jixhed u jipprezenta r-rapport tieghu, mbaghad dak il-hin stess, jinghata estensjoni tal-inkarigu, li jkun ifisser illi jkun jinhtieg aktar zmien.
b) Illi ukoll in kwantu l-esperti nominati mill-Qorti, jirrizulta ukoll illi kien hemm almenu zewg esperti illi ma qdewx l-inkarigu taghhom u addirittura kellhom jigu sostitwiti, b'hela ta' hin ghall-process gudizzjarju. Illi sahansitra jirrizulta ukoll illi espert minnhom lanqas biss irritornat l-atti li kienet hadet sabiex tespleta l-inkarigu taghha, bil-konsegwenza illi kellhom jergghu isiru kopji tad-dokumentazzjoni bi qbil bejn il-partijiet – certament istanzi dawn illi jwasslu ghal dilungar tal-proceduri.

Din il-Qorti tqis illi dan ma ghandux ikun u espert mqabbad mill-Qorti huwa ufficjal tal-istess Qorti bil-konsegwenza illi ghandu dejjem jfittex illi jhares l-interess tal-process gudizzjarju u mhux ifixxklu. Ulterjorment, illi f'sitwazzjonijiet bhal dawn, il-Proskezzjoni, gja la darba ghadha fi stadju ta' provi taghha, u aktar meta kien

hemm sensiela ta' seduti illi fihom hija ddikjarat illi hija lesta mill-provi salv ghar-rapport tal-espert, hija ghandha titlob lill-Qorti sabiex din tiehu dawk ir-rimedji kollha opportuni, necessarji u legali sabiex il-process jithaffef u ma jtulx inutilment.

Dan qed jinghad peress illi kien tassew fi stadju bikri tal-proceduri, ossia fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2009, illi l-Prosekuzzjoni gja kienet iddikjarat illi "*l-prosekuzzjoni ser tirregola ruha dwar il-provi li fadal skond ir-rizultanti tar-rapport...*", u sussegwentament fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2010 (fol 893) jinsab verbalizzat proprju hekk *"Il-Prosekuzzjoni tiddikjara illi ghajr ghal konkluzjoni minn naha ta' Martin Bajada, ma fadalx izjed provi x'jitressqu minn naha taghha"* - u dan kollu qed jinghad fl-isfond illi l-espert kien nominat fl-ewwel seduta, ossia fit-13 ta' Frar 2009, izda dam snin sabiex espleta l-inkarigu <u>shih</u> tieghu, bl-ewwel relazzjoni tieghu tigi pprezentata fis-seduta tal-4 ta' Awissu 2010, izda kif jinghad qabel u *in fairness* mieghu, anke peress illi minn zmien ghal zmien kellu l-inkarigu mgedded, bl-ahhar relazzjoni tieghu kienet pprezentata snin wara. Jirrizulta, irid jinghad, numru ta' differimenti peress illi l-espert ma attendiex il-Qorti ghal raguni jew ohra jew ghaliex kien jonqsu aktar zmien sabiex jlesti r-rapport tieghu.

F'dan l-hekk msejjeh l-ewwel fazi tal-proceduri, kien hemm ukoll dewmien relatat ma' rogatorji illi kellhom isiru fil-Libya. Dawn ir-rogatorji tant ikkawzaw dewmien illi filwaqt illi l-ordni taghhom inghatat fit-2 ta' Dicembru 2010, fid-19 ta' April 2011 d-difensuri tal-imputat gja kienu lmentaw mid-dewmien fil-kuntest ta' smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli, l-istess kif sar fit-8 ta' Lulju 2011 u anke fis-seduti ta' wara, sakem il-Qorti, fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2011 talbet lill-Prosekuzjoni "*sabiex tirregola ruha dwar l-istess rogatorji*".

Ukoll, fl-ezami tal-process illi din il-Qorti ghamlet, jirrizultalha verbal tal-Qorti tas-6 ta' Awissu 2013 li fih jigi dikjarat "*Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tal-Avukat Generali illi din mhux l-ewwel darba li l-imputat nghata permess isiefer mill-Qorti Kriminali meta jkollha seduta appuntata*" – u dan qed jinghad peress illi anke ghal din ir-raguni jirrizulta differimenti u konsegwenti dewmien inutili fil-proceduri.

L-Ufficjal Prosekutur, meta xehed quddiem din il-Qorti, jispejga fuq dak li huwa jhoss illi kien nuqqas ta' komunikazzjoni bejnu u l-Ufficcju tal-Avukat Generali. F'dan is-sens issir referenza ghall-verbal tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tat-28 ta' April 2015 (fol 1678) minn fejn jirrizulta illi l-Qorti qalet "*stante illi t-transcripts huma hafna interceptions telefonici, tissolecita lill-Ufficjal*

*Proskutur jikkonsulta mal-Avukat Generali jekk it-traskrizzjonijiet humiex fil-fatt necessarji. Sorvolata din il-kwistjoni, il-Prosekuzzjoni tinforma lill-Qorti li l-provi taghha huma maghluqa*". Seba' xhur wara, ghaliex kien hemm sensiela ta' differimenti ghal ragunijiet diversi, u allura fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2015 (fol 1702), il-Qorti ma hadet ebda informazzjoni dwar dak minnha mitlub ghajr illi giet mgharrfa illi l-prosekuzzjoni kien jonqosha xhud wiehed biss, li kienet esperta nominata li mbaghad giet sostitwita u li minn flokha inhatar espert iehor fis-6 ta' Jannar 2016 u lesta l-inkarigu tieghu aktar minn sena wara, fis-16 ta' Frar 2017 (fol 1745), f'liema seduta allura "*Il-Prosekuzzjoni informat lill-Qorti li ma ghandiex aktar xhiedha mharrkin* <u>*ghas-seduta tal-llum*</u>", liema dikjarazzjoni baqghet tigi ripetuta f'diversi seduti sussegwenti, sakemm fit-30 ta' Ottubru 2018 (fol 1839) il-Prosekuzzjoni ddikjarat "*illi ma ghandiex aktar xhiedha xi tressaq f'dan il-kaz*".

Illi dan igib lill-Qorti ghat-tieni parti/fazi tal-process kriminali illi qed jaffaccja Sebastian Dalli, ossia l-perjodu minn Ottubru 2018 sar-referenza maghmula.

In kwantu allura dak li jista' jissejjah it-tieni parti jew fazi tal-poceduri kriminali ta' Sebastian Dalli, ossia mit-30 ta' Ottubru 2018 (id-data meta l-ufficjal prosekutur iddikjara illi l-prosekuzzjoni ma kelliex aktar provi xi tressaq) sal-21 ta' Jannar 2021 (id-data meta inghata d-digriet u saret ir-referenza), ir-rizultanzi huma tal-biki u tal-misthija u din il-Qorti ma tistghax ma tiddeplorax agir kwazi skandaluz bhal dan a detriment tad-drittijiet fondamentali ta' persuna illi hija intitolata ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli.

F'din it-tieni fazi jirrizultaw ghaxar rinviji <u>konsekuttivi</u> mibghuta mill-Avukat Generali, (5.12.2018, 7.01.2019, 13.02.2019, 14.03.2019, 27.05.2019, 1.07.2019, 1.10.2019, 29.10.2019, 27.01.2020 u 28.02.2020) kollha identici u ighidu hekk:

> *"Tiehu konjizzjoni ta' kull prova ohra li l-Pulizija jidhrilha xierqa li tressaq f'dan il-kaz"*

B'mod kronologiku isegwu allura ghaxar seduti <u>konsekuttivi</u> (5.12.2018, 10.01.2019, 14.02.2019, 20.03.2019, 29.05.2019, 10.07.2019, 2.10.2019, 5.11.2019, 28.01.2020 u 10.03.2020) fejn issir dejjem l-istess dikjarazzjoni, cioe`,

*"Il-Prosekuzzjoni ghal darb'ohra tiddikjara illi ma ghandiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz".*

Trapass ghalhekk ta' sena u tlett xhur li ghandhom jitqiesu bhala insult lejn l-Awtorita' tal-Qorti u l-intelligenza tal-akkuzat. Tant illi fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2019 gie verbalizzat hekk:

*"Il-Qorti tistieden lill-Avukat Generali jara x'ghandu jaghmel b'dawn il-proceduri sabiex jigi evitat aktar dewmien".*

Liema stedina giet ripetuta mill-Qorti fis-seduti tal-10 ta' Lulju 2019, tal-5 ta' Novembru 2019 u tat-28 ta' Jannar 2019. Possibbli illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja kellha tasal biex taghmel tlett stediniet lill-Ufficcju tal-Avukat Generali sabiex dan agixxa?

Din il-Qorti tista' biss tikkonkludi illi dan kien jew nuqqas ta' interess tal-Ufficcju tal-Avukat Generali fil-proceduri kriminali de quo jew agir dispreggjattiv da parti tal-Ufficcju tal-Avukat Generali fil-konfront tal-Qrati taghna jew it-tahlita tat-tnejn – u kienet x'kienet, dan huwa agir kundannabbli u ma ghandux ikun u ma ghandux jirrepeti ruhu.

Sakemm fir-rinviju tat-28 ta' Frar 2020, issir talba sabiex jinstemghu aktar xhiedha u fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2020 (fol 1887), il-Prosekuzzjoni tiddikajara illi "*ma kinitx harrket xhieda "stante illi kienet <u>taht l-impressjoni</u> li l-Prosekuzzjoni ma kelliex aktar xhiedha xi tressaq f'dan il-kaz*". Il-Qorti tqis illi l-provi tal-prosekuzzjoni ma gahndhom ikunu kondotti bl-impressjoni, imma minn differiment ghall-iehor kellu jkun hemm komunikazzjoni serja u effettiva bejn l-Ufficcju tal-Avukat generali u l-ufficjal Prosekutur sabiex jitressqu l-provi illi ghandhom jitressqu.

Dan ma kienx bizzejjed, u fir-rinviju sussegwenti tas-16 ta' Settembru 2020 (fol 1898) jerghu jintalbu illi jinstemghu x-xhieda u fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2020 jigi verbalizzat hekk:

"*il-Qorti hadet konjizzjoni tar-rinviju tal-Avukat Generali u tinnota illi l-istess prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti illi <u>dak kollu mitlub f'dan ir-rinviju diga' sar</u>*".

Sabiex fis-seduta ta' wara, dik tat-3 ta' Novembru 2020, wara rinviju simili ghal ta qabel li juri illi l-Avukat Generali lanqas il-verbal ma kien qara, il-Qorti "*tistieden lill-Avukat Generali jiehu konjizzjoni ta' dak verbalizzat fis-seduta precedenti. Il-*

*Prosekuzzjoni tiddikjara illi ma ghandiex aktar provi*". U fil-frattempt id-difiza tirrizerva d-drittijiet taghha sakemm fil-11 ta' Dicembru 2020 ressqet ir-rikors taghha li wasslet ghal din ir-referenza.



Huwa ghalhekk evidenti illi kien hemm numru ta' seduti fejn ma sar xejn principarjament minhabba zewg ragunijiet:

- In-nuqqas ta' komunikazzjoni bejn l-Ufficcju ta' l-Avukat Generali u l-Ufficjal Prosekutur u dak li jidher car illi hadd mill-Ufficcju tal-Avukat Generali ma jidher illi ha interess serju u *ownership* tal-kaz ghal zmien twil (ghaliex kien hemm zmien meta jidher car illi l-Avukat Generali kien qieghed jaghmel xogholu sewwa), kif kien mistenni, bir-rizultat illi minkejja illi l-ufficjal prosekutur kien ghalaq il-provi tieghu, l-Avukat Generali baqa' jibghat rinviji inutili, u
- Il-problema naxxenti mill-fatt illi l-akkuzati l-ohra fil-proceduri l-ohra, ossia, Rupert Busuttil, Carmelo Borg, Marvin Debono u Paul Azzopardi qed jaghzlu li ma jixhdux fil-proceduri kriminali kontra Sebastian Dalli u filwaqt illi jidher illi l-ufficjal prosekutur logikament ddikjara illi ma kellux aktar provi x'jipproduci in vista anke tal-posizzjoni minnhom mehuda, dan ma abbastax lill-Avukat Generali li donnu baqa' jistenna u jiggwadanja z-zmien biex ikun jista' jressaq tali xhiedha.

Din il-Qorti thoss illi huwa xokkanti dak li jirrizulta mill-atti tal-kawza quddiem tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fl-ismijiet Pulizija vs Sebastian Dalli.

Dan kollu bil-konsegwenza illi madwar 13 il-sena wara l-prezentata, il-kawza Pulizija vs Sebastian Dalli quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ghadha fi stadju ta' provi prosekuzzjoni.

B'gustizzja mal-Avukat tal-Istat, irid jinghad dan "*mhux qed jichad illi kien hemm xi dilungar tal-kawza in dizamina*", izda jsostni illi dan ma sarx b'mod kappriccuz jew addirittura bl-intiza illi jizvantaggja lill-akkuzat.

## <u>Konsiderazzjonijiet</u>

**Ikkunsidrat:**

Illi d-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** ta' Malta rilevanti għall-każ odjern tghid:

*(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*



Jinghad illi drittijiet simili jinsabu salvagwardjat mill-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**.

Il-Qrati taghna diga' diversi drabi esprimew ruhom dwar dawn il-provvedimenti tal-ligi, u din il-qorti ser tirreferi ghal uhud mill-pronunzjamenti maghmula u taghmilhom taghha, hekk kif per ezempju elenkati numru ta' decizjonijiet fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza **103/18JZM fl-ismijiet Francis Portelli (KI 986249M) Anthony Cassar (KI 45750M) vs Avukat Generali,** deciza fil-15 ta' Lulju 2019 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Ottubru 2020.

*Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta` Dicembru 2015 fil-kawza "**Zakkarija Calleja v. Avukat Generali**" fejn inghad hekk :–*

*"Fis-sentenza David Marinelli vs Avukat Generali (3 ta` Lulju 2008), il-Qorti irriteniet illi :*

*"B`mod generali, biex jigi determinat jekk is-smiegh f`xi proceduri quddiem il-Qorti sarx fi zmien ragjonevoli kif miktub mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wiehed irid iqis ic-cirkostanzi kollha partikolari f`dawk il-proceduri, u b`mod partikolari :*

*1. in-natura u/jew komplessità tal-kaz in kwistjoni,*

*2. il-kondotta tal-partijiet fil-kawza,*

*3. il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorità gudizzjarja stess.*

*Fil-kawza **Francis Theuma vs Avukat Generali** (27 ta` Gunju 2003) intqal inoltre illi :*

*"S`intendi, dawn il-kriterji jridu jigi applikati ghall-kaz konkret u mhux fl-astratt, b`mod ghalhekk li ghandu jigi ezaminat sew il-process li jkun qed jigi allegat li jaghti lok ghall-ksur lamentat. Ma hemmx, ghalhekk, xi*

*periodu pre-determinat, applikabbli ghal kull kaz, li jekk jinqabez ikun hemm ksur minhabba dewmien mhux ragonevoli”. …*
*F`dan l-isfond ghalhekk wiehed irid iqis il-fatturi kollha u c-cirkostanzi kompleti sabiex tkun tista` ssir evalwazzjoni tar-ragonevolezza o meno tad-dewmien lamentat.”*

*L-awturi **Van Dijk and Van Hoof** jispjegaw illi :*
*“When the length of the relevant period has been established, it must subsequently be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court only makes an overall assessment, in other cases however, it assesses the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract but has to be assessed in view of the circumstances of each indivdual case”.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Said vs Avukat Generali** (11 ta` Novembru 2011) irriteniet illi :*
*“Ghalhekk skont dawn il-principji l-ebda fattur partikolari ma huwa wahdu konklussiv, imma l-Qorti trid tezamina l-fatturi kollha separatament biex tivvatula l-effett kumulattiv fuq il-proceduri fl-intier taghhom sabiex tara jekk dawn gewx maghluqa fi zmien ragjonevoli. Il-Qorti tista` ssib li fattur partikolari kien leziv mentri fatturi ohrajn ma kienux”.*
*Il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta` Novembru 2017 fil-kawza “**Gordi Felice vs Avukat Generali**” fejn inghad hekk :-*
*… Din il-Qorti tosserva li l-intimat fin-nota ta` sottomissjonijiet tieghu in prim`istanza jghid li l-guri ta` William Agius u kwindi tar-rikorrent ghadhom ma gewx appuntati ghaliex iz-zewg akkuzati intavolaw kawza kostituzzjonali kull wiehed. Madanakollu, filwaqt li l-intimat ma ressaq ebda prova dwar xi proceduri kostituzzjonali istitwiti minn William Agius jew, jekk fl-affirmattiv, dawn ghadhomx pendenti, huwa assurd l-argument li process kriminali qieghed jigi differit indefinittivament minhabba l-pendenza ta` kawza kostituzzjonali li tittratta appuntu l-kwistjoni ta` dewmien eccessiv mhux ragjonevoli fid-determinazzjoni*

*tal- istess process kriminali. F`kull kaz, din il-Qorti tqis li dan l-argument ma jiswiex bhala gustifikazzjoni ghal dewmien komplessiv ta` kwazi tlettax-il sena fis-smigh ta` process kriminali li mhux talli sal-lum ghadu pendenti, talli hemm ammissjoni inekwivoka tal-intimat li l-istess process ser jibqa` "fuq l-ixkaffa" sakemm jintemmu proceduri kriminali kontra terza persuna. Dan kollu jsarraf f`karenza manifesta ta` certezza dwar meta sejra tigi appuntata u mismugha, ahseb u ara deciza, il-kawza kriminali. Ma` dan ghandha tizdied il-konsiderazzjoni li sal-lum lanqas hemm hjiel dwar id-data meta ser tigi appuntata ghas-smigh il-kawza kontra l- imsemmi William Agius.*

*Ferm il-premess, u fid-dawl tan-nuqqas tal-intimat illi jipproduci provi sabiex jiggustifika d-dewmien fil-proceduri penali kontra r-rikorrent, il-Qorti ssib illi r-rikorrent sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq sancit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni meta, kwazi tlettax-il sena wara li tressaq quddiem il-qorti mixli b`reati taht tal-Kapitolu 31, ghadu qed jistenna li l-kaz tieghu jigi appuntat quddiem il-Qorti Kriminali. Dan id-dewmien ma jistax ma jigix meqjus bhala esagerat, mhux ragjonevoli u li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f`socjeta` demokratika, u bhala tali jikser id-dritt fondamentali tar-rikorrent li jistenna li l-proceduri kriminali kontra tieghu jigu determinati fi zmien ragjonevoli.*

*F`hajja ta` bniedem tlettax-il sena huma zmien twil u, f`dan il-kaz tar-rikorrent, dan isarraf fi 13-il sena ta` incertezza fl-ahjar snin taz- zghozija fejn wiehed huwa mistenni jkollu l-ahjar opportunitajiet jibni l-pedamenti tal-hajja familjari u lavorattiva tieghu. Fil-kaz tar-rikorrent izda, dawn is-snin kollha ghaddiehom tiela` u niezel il-Qorti ghas-seduti, kif ukoll jinkwieta dwar il-futur tieghu ghaliex ghadu ma jafx x`ser isir minnu meta finalment jinqata` l-kaz tieghu wara dan iz-zmien kollu.*

*Jigi ribadit illi din il-lezjoni hija in parti dovuta wkoll ghall-ghazla ossia agir tal-intimat li, meta ddecieda li l-kawza kontra r-rikorrent ma tigix appuntata u ma tigix determinata qabel l-ewwel tigi appuntata u determinata l-kawza kontra William Agius, tawwal ulterjorment il-proceduri kontra r-rikorrent li kienu diga` ilhom pendenti diversi snin quddiem il-Qorti Istruttorja. Din il-Qorti tapprezza li din id-decizjoni tal-intimat, oltre li fiha nnifisa hija legali u ma timpingix fuq il-garanziji tad-*

*dritt ghal smigh xieraq, ittiehdet ghall-ahjar tmexxija tal-prosekuzzjoni u certament mhux "bl-intenzjoni li jtawwal il-proceduri ... inutilment" kif jallega r-rikorrent. Madanakollu, ma tistax ma tosservax illi agir li jirrispetta l-garanziji ta` smigh xieraq fit-termini tal-Artikolu 6 Konvenzjoni ma jibqax konformi mad-dettami ta` smigh xieraq jekk ikollu effett inoltrat li jwassal ghal dewmien mhux ragjonevoli fid-determinazzjoni tal-process gudizzjarju, aktar u aktar dak kriminali, a skapitu tal-akkuzat.*



**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi kemm f'dik illi hawn fuq qed tissejjah l-ewwel parti/fazi tal-process u kif ukoll f'dik illi qed tissejjah it-tieni parti/fazi tal-process, jirrizulta evidenti illi kien hemm prolungar inaccettabbli tal-proceduri, inoltre` kif anke ammess mill-istess Avukat tal-Istat. Ir-ragunijiet varji huma elenkati aktar il-fuq, imma din il-Qorti, mehud in konsiderazzjoni, in-natura u/jew komplessità tal-kaz in kwistjoni, il-kondotta tal-partijiet fil-kawza u kif ukoll il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorità gudizzjarja stess, tista' biss tikkonkludi illi hemm lezjoni tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem fir-rigward ta' Sebastian Dalli.

Dan qed jinghad peress illi filwaqt illi f'dik hekk hawnekk msejjha l-ewwel parti/fazi, gieli kien hemm ragunijiet ghal differimenti mhux strettament imputabbli lill-Prosekuzzjoni, bhal ragunijiet ta' differimenti marbuta ma' ezigenzi ohra tal-Qorti jew nuqqasijiet ta' l-imputat jew tal-esperti inkarigati mill-Qorti, b'dana kollu irid jinghad illi fil-maggor parti tal-kazijiet, l-imputat ma kien jahti xejn ghad-differimenti kontinwi li kienu qed isiru.
Anke in kwantu ghat-tieni parti/fazi tal-process kif hawn fuq deskritta, il-Qorti tqis illi r-ragunijiet ghad-dewmien ma huma b'ebda mod imputabbli ghall-imputat, izda f'dan il-kaz, esklussivament ghall-Prosekuzzjoni.

In kwantu ghal dak li jirrizulta dwar xhiedha illi ghazlu d-dritt tas-silenzju peress illi anke huma qed jaffaccjaw akkuzi relatati, il-gurisprudenza taghna hija ferm cara u mhux accettabbli illi jkun hemm dewmien minhabba dan u partikolarment ghaliex il-Prosekuzzjoni tibqa' tispera illi jasal il-mument meta tali xhiedha jkunu jistghu jiddeponu. Fil-fatt fil-kaz in ezami u fi kliem l-ufficcjal prosekutur stess, is-

sitwazzjoni ddegenerat tant illi z-zewg kawzi huma stagnati, kemm din in ezami ta' Sebastian Dalli u kif ukoll l-ohra vs Rupert Busuttil et.

Fid-decizjoni taghha tas-26 ta' Jannar 2018 fil-kaz 13/2014/1JZM fl-ismijiet **Frank Sammut vs l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati et,** il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

> *Dan ifisser li x-xhud għandu d-dritt li ma jiġix kostrett li jinkrimina ruħu iżda persuna imputata b'reat kriminali ma għandhiex biss id-dritt li ma tiġix kostretta li twieġeb domandi li jistgħu jinkriminawha iżda għandha addirittura d-dritt għas-silenzju u ċioè li tibqa' siekta tant li "The right not to incriminate oneself is primarily concerned with respecting the will of an accused person to remain silent and presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused". Għalhekk id-dritt ewlieni li għandha persuna akkużata hu li tibqa' siekta u d-dritt li ma tweġibx domandi li jistgħu jinkriminawha huwa intiż biex jassigura li d-dritt tal-akkużat għas-silenzju jiġi mħares.*

Fil-kuntest ta' dan l-insenjament kostanti tal-oghla Qrati taghna, kien zbaljat u inutili d-dewmien esagerat riskonstrat fil-proceduri kriminali ta' Sebastian Dalli sempliciment ghaliex l-Avukat Generali dehrlu illi kellu jibqa' jinsisti illi jixdhu persuni akkuzati f'kawza relatata u li diga' kienu ghazlu li jibqghu siekta, ukoll meta l-proceduri kontrihom huma ukoll weqfin u stagnati peress illi Sebastian Dalli ghazel li ma jixhidx u allura l-Avukat generali messu kien konxju tal-fatt illi ma kienx hemm u ma setghax ikun hemm zblokk ghas-sitwazzjoni li ried, bhal per ezempju, kawza minnhom tghaddi in gudikat.

Dwar dak li jirrizulta illi kien nuqqas ta' komunikazzjoni bejn l-ufficju ta' l-Avukat Generali u l-Ufficjal Prosekutur – din il-Qorti tista' biss tghid kemm hi dizappuntata illi jezistu sitwazzjonijiet bhal dawn, fiz-zmienijiet tal-llum meta l-mezzi ta' komunikazjoni avvanzaw tant u partikolarment f'cirkostanzi bhal dawn meta si tratta ta' process penali illi persuna prezunta innoccenti tkun ghaddejja minnhu u li certament illi l-espedezza biex kaz kriminali jigi deciz huwa ta' importanza massima.

Din il-Qorti gja kellha okkazjoni tghid b'mod car u espress, f'cirkostanzi simili ghal dan, illi minn sitwazzjonijiet bhal dawn, wiehed jista' biss jislet numru ta' nuqqasijiet u problemi fl-amministrazzjoni tal-gustizzja illi **illum qabel ghada** jinhtieg illi jkunu indirizzati.



Fil-kawza 12/2014AE fl-ismijiet **Daniel Alexander Holmes vs Avukat Generali et**, deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fit-3 ta' Ottubru 2014, il-Qorti kienet qalet hekk fuq lment simili ghal dan:

*Dewmien li hu rizultat ta':-*

*i. Ftit li xejn poter li ghandha l-qorti istruttorja biex tikkontrolla l-mod u r-ritmu li bih jingabru l-provi tal-prosekuzzjoni fl-istadju tal-kumpilazzjoni. Pjuttost tista' tghid li l-kontroll qieghed f'idejn l-Avukat Generali.*

*ii. Hu evidenti li l-ufficcju tal-Avukat Generali stess hu under staffed u minkejja l-avukati jaghmlu hilithom biex jipprovaw ilehhqu. F'kaz bhal dan l-impressjoni li tiehu l-qorti hu li kemm-il darba rinviju jsir biex ikun sar fit-terminu kontemplat mil-ligi u mbaghad wiehed jara wara (better safe than sorry).*

*iii. Volum ta' kawzi li jrid jisma' u jiddeciedi gudikant. Jekk il-gudikant ser jibqa' mghobbi kif inhu b'mijiet ta' kawzi u fl-istess hin jibqa' jircievi kawzi godda, apparti xoghol iehor, ser jibqa' jkollna kazijiet bhal dan.*

*F'xenarju simili m'huwiex possibbli li f'kull kaz jigi garantit smiegh xieraq fi zmien ragonevoli. Din hi r-realta' isiru kemm isiru emendi fil-ligi tal-procedura u inizjattivi ohra fil-qasam amministrattiv tal-qorti.*

*Dewmien li fih innifsu qieghed iwassal sabiex din il-qorti kontinwament tigi rinfaccjata b'kawzi simili fejn biex tasal ghal decizjoni ikollha toqghod tezamina volumi ta' atti li jkunu ngabru matul is-snin li fih innifsu jiehu z-zmien.*

*Hu l-Istat li ghandu l-obbligu li jindirizza dawn in-nuqqasijiet u ghaldaqstant irid iwiegeb ghal dewmien zejjed fil-proceduri gudizzjarji. Wara li l-qorti rat l-atti tal-proceduri kriminali tasal ghal konkluzjoni li l-kaz tar-rikorrent ma kellux jiehu dawk is-snin kollha biex jigi deciz defenittivament. Dan apparti li mill-atti tal-proceduri kriminali ma*

*jirrizultax li r-rikorrent kellu xi htija ghalfejn il-kaz dam daqshekk. F'hajja ta' bniedem seba' snin huma hafna. Seba' snin ta' incertezza tiela' u niezel il-qorti ghas-seduti, ghaliex dik hi s-sistema. Dewmien f'kull xorta ta' proceduri gudizzjarji timmina l-gustizzja, izda dewmien fi proceduri kriminali, fejn il-liberta tal-bniedem hi in diskussjoni, m'ghandux jigi ttollerat. Wiehed irid jiftakar ukoll li r-rikorrent hu barrani u mill-provi hu evidenti li ma ghandu l-ebda rabta ma' Malta. Din ic-cirkostanza tkompli tiggrava s-sitwazzjoni.*

Certament illi fil-kaz odjern, ma hawnx dawn ic-cirkostanzi aggravanti, izda hawn ohrajn, fosthom illi l-kaz in dizamina ilu 13 il-sena u mhux talli ghadu mhux deciz, talli ghadu fi stadju tal-provi tal-prosekuzzjoni.

Il-Qorti tirreferi ghad-decizjoni Prim Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) Nru 33/2003/1 fl-atti tar-referenza hemmek maghmula mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fl-atti tal-Proceduri **Il-Pulizija vs Lawrence Attard**:

*Illi d-dritt għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli, madankollu, m'huwiex xi dritt illimitat, imma huwa regolat raġonevolment bil-proċedura li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien. Imma dan iġib miegħu wkoll li jekk ilproċedura tistabilixxi regoli biex bihom jitħaddem is-smigħ kif imiss tal-kawżi, in-nuqqas ta' tħaris tal-istess regoli a skapitu ta' xi parti għandu, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, iġib miegħu ċensura u jagħti lok għal rimedju, iżjed u iżjed jekk għan-nuqqas ta' tħaris imsemmi l-parti ma jkollha l-ebda sehem jew ħtija;*

*Illi d-dritt fondamentali tal-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa b'mod xieraq u fi żmien raġonevoli timponi fuq l-Istat li jħares id-Dritt li jassigura l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ ta' sistema effiċjenti ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja. Dan jitnissel billi l-Istat jipprovdi strutturi, riżorsi u għodod li bihom il-Qrati jkunu jistgħu jwettqu xogħolhom kif imiss. B'żieda ma dan, ingħad ukoll li l-investigazzjoni ta' dewmien fis-smigħ ta' kawża m'għandhiex issir sempliċistikament fit-termini dojoq tal-kawża partikolari, imma f'termini ferm usa' li jħaddnu ċ-ċirkostanzi kollha li fihom dik il-Qorti tkun qegħda taħdem fiż-żmien relattiv;*

> *Illi b'danakollu, jekk minħabba l-inadekwatezza talistrutturi li tfasslu biex titħaddem il-makna tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja jbati bla ħtija ċ-ċittadin, l-Istat irid jagħmel tajjeb għal tali tbatija.*



Din il-Qorti tinnota b'sodisfazzjon dak li jinsab fid-dominju pubbliku, ossia illi l-istat jidher illi ghandu l-hsieb illi jressaq emendi fil-ligi taghna sabiex tkun indirizzata din il-kwistjoni, bhal per ezempju emendi fir-rigward tal-procedura tar-rinviji. Dan huwa posittiv izda din il-Qorti trid bilfors tirrimarka illi meta sentenza bhal dik hawn fuq kkwotata nghatat kwazi tmien snin ilu, u una volta illi hawnekk si tratta ta' allegazzjoni u potenzjal ksur u lezjoni tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem, huma twal wisq tmien snin sabiex l-istat jahseb biex iressaq l-ligijiet appositi biex tkun indirizzata din il-problema.

Huwa fatt maghruf illi f'dan il-perjodu kienu numeruzi ferm il-kawzi relatati ma' lezjoni ta' drittijiet fondamentali minhabba dewmien fil-proceduri penali – u dan kien ifisser f'hafna okkazjonijiet piz anke finanzjarju fuq l-istat f'kumpensi illi kellu jhallas. Kien ikun ferm aktar ghaqli kieku l-flus intefqu fuq investiment f'dak li hemm bzonn biex is-sistema giudizzjajra penali timxi b'mod aktar effikaci sabiex fuq kollox, ma jkunx hemm persuni illi jigu lezi d-drittijiet fondamentali taghhom bhal ma hu dak ta' smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli.

Din il-Qorti thoss, b'zieda ma' dak li dawn il-Qrati gja esprimew f'okkazjonijiet ohra:

a) Illi ma ghandniex nibghu nistennew aktar biex l-emendi jitressqu quddiem l-organu relattiv biex jigu diskussi u jsiru ligi;
b) Illi tajjeb illi jsiru l-emendi relattivi u jkunu aggornati l-proceduri quddiem il-Qrati ta' natura penali, izda huwa importanti illi l-amministrattiv jara illi l-emendi jkunu jistghu jithaddmu fil-prattika b'mod mill-aktar tajjeb, efficjenti u immedjat. Ghalhekk per ezempju, il-Qrati ghandhom jinghataw is-*support* u s-sostenn kollu necessarju, kemm f'termini ta' numru ta' gudikanti, kemm f'termini ta' staff u staff ppreparat u mharreg u kif ukoll fi kwalsiasi termini ohrajn ghall-ahjar andament tal-proceduri. Illi l-Ufficcju tal-Avukat Generali ikun moghni b'Avukat bizzejjed, jekk hemm bzonn mharrga fil-ligi penali bi studju jew tahrig specjalizzat u b'sistema fejn Avukat ifittex illi jaghmel karriera mill-Prosekuzzjoni. Illi l-Pulizija Ezekuttiva ukoll tinghata s-sostenn kollu necessarju sabiex il-membri tal-korp tal-Pulizija, jekk jista' jkun, ma jkunu qatt

demoralizzati, imma ghal kuntrarju, jkollhom l-ghodda kollha necessarja sabiex jaqdu l-inkarigu taghhom b'efficcjenza, mill-mument tal-bidu tal-investigazzjonijiet sal-mument illi, jekk ikun il-kaz, il-Prosekuzzjoni taghlaq il-provi taghha fil-konfront ta' persuna li tkun qed takkuza.

c) Illi ghalhekk huwa imperattiv mhux biss il-ligijiet, mhux biss il-proceduri, imma ukoll l-assikurazzjoni tal-istat illi dawk il-ligijiet u l-proceduri jkunu jistghu jithaddmu tajjeb billi jkun hemm il-back-up amministrattiv kollu necessarju li l-istat ghandu jipprovdi lill-istituzzjonijiet kollha illi huma involuti b'mod dirett u indirett fl-aqwa amministrazzjoni tal-gustizzja.

d) Illi l-emendi ghandhu jkollhom ukoll, fost ohrajn u intrinsikament, il-hsieb illi kawzi bhal dawn u referenzi bhal dawn, jieqfu, mhux tant biex jonqos ix-xoghol ta' dawn il-Qrati, imma fuq kollox biex ikunu rispettati d-drittijiet fondamentali ta' min jaffaccja akkuzi u processi kriminali.

e) Illi lil hin mill-aspett penali, u ghax gew kif gew l-affarijiet quddiem din il-Qorti ma tistax ma ssirx referenza ghall-hela ta' hin illi gie riskontrat f'dawn il-proceduri stess peress illi kien hemm ir-riassenjazzjoni tar-referenza ghal darbtejn, u dan peress illi z-zewg Imhallfin illi giet assenjata lilhom din ir-referenza qabel kif hekk issa preseduta, kienu fost il-Magistrati illi kkonducew l-istruttorja msemmija. M'hemmx dubbju illi huwa f'loku illi jigi rrimarkat illi b'daqxejn attenzjoni u procedura amministrattiva hafifa u sistema aktar akkurata meta jsiru referenzi kostituzzjonali, dan id-dilungar zejjed jista' jigi evitat jekk ikun hemm sistema f'postha illi tassikura illi referenza kostituzzjonali minn proceduri ohra jkunu assenjati b'mod immedjat lil gudikant illi jkun accertat illi qatt ma mess mal-proceduri minn fejn tkun saret ir-referenza.

**GHALDAQSTANT,** għal dawn il-motivi, il-Qorti qed tiddeċiedi dwar ir-referenza kostituzzjonali lilha magħmula billi **t<u>wieġeb</u>** għall-kwistjoni riferita lilha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja nhar il-21 ta' Jannar 2021, billi ssib u tiddikjara illi Sebastian Dalli sofra lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem konsegwenza tal-agir tal-Prosekuzzjoni, kif hawn fuq deciz, fil-kawza 82/2009 fl-ismijiet **Pulizija vs Sebastian Dalli** pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Istruttorja.

**<u>Tordna</u>** illi l-atti jiġu rinvijati lura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u li din is-sentenza tigi inserita fl-atti tal-istess proceduri, sabiex l-istess Qorti tiddisponi mill-kaz skond din is-sentenza.

**<u>Tordna</u>** illi a spejjes tar-Registratur tal-Qrati, din is-sentenza tigi komunikata lill-Ufficcju tal-Avukat Generali, il-Kummissarju tal-Pulizija, il-Ministru responsabbli mill-Gustizzja u l-Ministru responsabbli mill-Pulizija.

Bl-ispejjeż kollha relatati mal-provvediment tal-lum a karigu ta' l-Avukat tal-Istat.

**Onor Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**